

32001R0749

L 109/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.4.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 749/2001****tat-18 ta' April 2001****li jemenda l-Anness II mar-Regolament tal- Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja sabiex jiġu stabbiliti l-limiti massimi tar-residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji fl-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali.****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja sabiex jiġu stabbiliti l-limiti massimi tar-residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji fl-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2000/1999<sup>(2)</sup> u b'mod partikolari Artikoli 6, 7 u 8 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament (EEC) Nru 2377/90, il-limiti massimi tar-residwi jridu jiġu stabbiliti progressivament għal kull sustanza attiva farmakoloġikament li hija użata fil-Komunità fil-prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għalbiex jiġu amministrati lill-annimali li jipproduċu l-ikel;
- (2) Il-limiti massimi tar-residwi għandhom jiġu stabbiliti biss wara l-eżami fil-Kumitat tal-Prodotti Mediċinali Veterinarji dwar it-tagħrif rilevanti kollu li jirrigwarda s-sigurtà tar-residwi tas-sustanza interessata għall-konsumatur ta' l-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali u l-impatt tar-residwi fuq l-ipproċessar industrijali ta' l-oġġetti ta' l-ikel.
- (3) Meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-limiti massimi tar-residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji fl-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali, huwa meħtieġ illi tiġi speċifikata l-ispeċje ta' l-annimali li fihom jistgħu jkunu preżenti l-fdalijiet, il-livelli li jistgħu jkunu preżenti f'kull wieħed mit-tessuti rilevanti tal-laħam miksuba mill-annimal ittrattat (it-tessut fil-mira) u n-natura tar-residwi li tkun rilevanti għall-monitoraġġ tar-residwi (il-fdalijiet markaturi);
- (4) Għall-kontroll tar-residwi, kif ipprovdut fil-leġislazzjoni approprijata Komunitarja, il-limiti massimi tar-residwi s-soltu jridu jiġu stabbiliti għat-tessuti fil-mira mill-fwied u mill-kliewi. Madankollu, il-fwied u l-kliewi s-soltu jiġu

mneħħija mill-karkassi li jimxu fil-kummerċ internazzjonali, u l-limiti massimi tar-residwi jkollhom għalhekk jiġu stabbiliti għat-tessuti mill-muskoli jew mix-xaħam.

- (5) Fil-każ tal-prodotti mediċinali veterinarji maħsuba sabiex jintużaw fl-għasafar li jbidu, l-annimali li jagħtu l-ħalib jew in-naħal ta' l-għasel, il-limiti massimi tar-residwi jridu jiġu stabbiliti wkoll għall-bajd, għall-ħalib jew għall-għasel;
- (6) It-Tijamilal u s-Sodju Tijopental għandhom jidhru fl-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90;
- (7) Għandu jitħalla perjodu adegwat taż-żmien qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jippermetti lill-Istati Membri jagħmlu kull bidla li tista' tkun meħtieġa għall-awtorizzazzjonijiet biex iqiegħdu fis-suq il-prodotti mediċinali veterinarji interessati li jkunu ġew konċessi skond id-Direttiva tal-Kunsill 81/851/KEE<sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/37/KE<sup>(4)</sup>, sabiex jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT IR-REGOLAMENT LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness II mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huwa hawnhekk emendat kif iddikjarat fl-Anness ma' hawn.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mis-60 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, tat-18.8.1990, pġ. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 336, tat-30.12.2000, pġ. 72.

<sup>(3)</sup> ĠU L 317, tas-6.11.1981, pġ. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 139, ta' l-10.6.2000, pġ. 25.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-18 ta' April 2001.

*Għall-Kummissjoni*  
Erkki LIIKANEN  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

ANNEX

L-Anness II mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huwa emendat kif ġej:

2. Il-Komposti Organiċi

Is-sustanza/i attiva/i farmakoloġikament	L-Ispeċji ta' l-Animali	Disposizzjonijiet Oħra
"It-Tijamilal	L-ispeċji kollha mammalji li jipproduċu l-ikel	Biex jiġi amministrat ġewwa l-vini biss
Is-Sodju Tijopental	L-ispeċji kollha li jipproduċu l-ikel	Biex jiġi amministrat ġewwa l-vini biss"